



**Stat Membru ma jistax jawtorizza metodu ta' qbid ta' għasafar li jwassal għal qabdiet
inċidentali meta dawn jistgħu jikkawżaw lill-ispeċi kkonċernati danni oħra ħlief dawk
negliġibbli**

*In-natura tradizzjonali ta' metodu ta' qbid ta' għasafar, b'hal dak tal-kaċċa bl-użu tal-kolla, ma hijiex
suffiċjenti, minnha nnifisha, sabiex jiġi stabbilit li huwa ma jistax jiġi ssostitwit b'soluzzjoni
sodisfaċenti oħra*

L-assoċjazzjoni One Voice u l-Ligue pour la protection des oiseaux jikkontestaw l-użu tal-kolla għall-finijiet tal-qbid ta' għasafar. Huma kkontestaw quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) il-leġiżlazzjoni li tawtorizza l-użu tal-kolla f'ċerti dipartimenti Franċiżi ¹. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, iż-żewġ assoċjazzjonijiet sostnew ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar ², b'mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha, li jistabbilixxi r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jidderogaw b'mod partikolari mill-projbizzjoni tal-kaċċa bl-użu tal-kolla prevista fl-Artikolu 8 u fl-Anness IV (a) ta' din id-direttiva.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel kjarifiki dwar il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti li jidderogaw mill-projbizzjoni, prevista fl-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, ta' ċerti metodi ta' qbid ta' għasafar protetti fil-kontest ta' attivitajiet ta' kaċċa.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi **li l-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jiġi interpretat fis-sens li n-natura tradizzjonali ta' metodu ta' qbid ta' għasafar ma hijiex suffiċjenti, minnha nnifisha, sabiex jiġi stabbilit li soluzzjoni oħra sodisfaċenti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma tistax tiġi ssostitwita flok dan il-metodu.**

Fil-fatt, fis-sentenza tagħha, hija tfakkar, l-ewwel nett, li, fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet derogatorji, l-Istati Membri huma meħtieġa jggarantixxu li kull intervent li jolqot lill-ispeċi protetti jiġi awtorizzat biss fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li jkun fihom motivazzjoni preċiża u adegwata li tirreferi għar-raġunijiet, għall-kundizzjonijiet u għar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva dwar l-għasafar. F'dan ir-rigward, qed jiġi ppreċiżat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel użu minn sistema derogatorja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet dwar l-obbligu ta' motivazzjoni meta hija tinkludi l-unika indikazzjoni li ma teżistix soluzzjoni sodisfaċenti oħra, mingħajr ma din l-indikazzjoni tkun sostnuta minn motivazzjoni ddettaljata, ibbażata fuq l-aħjar għarfien xjentifiku rilevanti.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, **għalkemm il-metodi tradizzjonali ta' kaċċa jistgħu jikkostitwixxu "użu meqjus" awtorizzat mid-Direttiva dwar l-għasafar, madankollu,**

¹ Dawn huma l-ames digriet tal-24 ta' Settembru 2018, dwar l-użu ta' kolla għall-għall-qbid tal-merilli u mlievez suwed, intiżi sabiex jintużaw b'hal għasafar ta' taħrik għal staġuni tal-kaċċa f'ċerti dipartimenti Franċiżi (JORF tas-27 ta' Settembru 2018, testi Nri 10 sa 13 u 15) kif ukoll digriet tas-17 ta' Awwissu 1989, rigward l-istess suġġett (JORF tat-13 ta' Settembru 1989, p. 11560).

² Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-għasafar").

iż-żamma ta' attivitajiet tradizzjonali ma tistax tikkostitwixxi deroga awtonoma mis-sistema ta' protezzjoni stabbilita minn din id-direttiva.

Fil-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, fil-kuntest tal-verifika mill-awtorità kompetenti tal-assenza ta' soluzzjonijiet sodisfaċenti oħra, għandu jsir tqabbil tad-diversi soluzzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tas-sistema derogatorja sabiex jiġi ddeterminat dik li tidher l-iktar sodisfaċenti. Għal dan il-għan, peress li, fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni f'ċerti oqsma, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skont l-Artikolu 13 TFUE, jieħdu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali, huwa fid-dawl tal-għażliet raġonevoli u tal-aħjar tekniki disponibbli li għandha tiġi evalwata n-natura suffiċjenti tas-soluzzjonijiet alternattivi. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li tali soluzzjonijiet jidhru li jeżistu. Fil-fatt, hija diġà ddeċidiet li t-trobbija u r-riproduzzjoni fil-magħluq tal-ispeċi protetti jistgħu jikkostitwixxu soluzzjoni sodisfaċenti oħra meta dawn jirriżultaw possibbli, u li t-trasport ta' għasafar legalment maqbuda jew miżmuma jikkostitwixxi wkoll użu meqjus. F'dan ir-rigward, il-fatt li t-trobbija u r-riproduzzjoni fil-magħluq tal-ispeċi kkonċernati għandhom ma humiex fattibbli fuq skala kbira minħabba l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma huwiex fih innifsu tali li jikkontesta r-rilevanza ta' dawn is-soluzzjonijiet.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva dwar l-għasafar għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza, b'deroga mill-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, metodu ta' qbid li jwassal għal qabdiet inċidentali, meta dawn, minkejja li huma ta' volum żgħir u għal żmien limitat, jistgħu jikkawżaw lill-ispeċi maqbuda mhux fil-mira danni oħra ħlief dawk negliġibbli.**

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-projbizzjoni ta' ċerti metodi ta' kaċċa bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li dawn il-metodi jippermettu l-qbid ta' ċerti għasafar b'mod selettiv. F'dan ir-rigward, hija tippreċiża li, sabiex tiġi evalwata s-selettività ta' metodu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-modalitajiet ta' dan il-metodu u l-portata tal-qabdiet li dan jimplika għall-għasafar mhux fil-mira, iżda wkoll il-konsegwenzi eventwali tiegħu fuq l-ispeċi maqbuda f'termini ta' danni kkawżati lill-għasafar maqbuda.

Għalhekk, fil-kuntest ta' metodu ta' qbid mhux letali li jwassal għal qabdiet inċidentali, il-kundizzjoni ta' selettività tista' tiġi ssodisfatta biss jekk dawn ikunu ta' ammont limitat, jiġifieri jekk jikkonċernaw numru mnaqqas ħafna ta' kampjuni maqbuda b'mod inċidentali, għal żmien limitat, u li jkunu jistgħu jinħelsu mingħajr dannu ieħor ħlief dak negliġibbli. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **huwa probabbli ħafna, bla ħsara għall-konstatazzjonijiet magħmula, fl-aħħar lok, mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) li, minkejja t-tindif, l-għasafar maqbuda jġarrbu ħsara irrimedjabbli, peress li l-kolla tista', min-natura tagħha, tikkawża ħsara lir-rix tal-għasafar kollha maqbuda.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☐ ☎ (+32) 2 2964106